# 450 Sena mit-Twelid ta' Dun Filippu Borg

Philip Xuereb

Jekk wieħed ikun irid ifakkar anniversarji ta' ċerta rilevanza b'rabta ġenerali mal-knisja Kolleġġjata u Bażilika ta' Sant'Elena u ankè ma' Birkirkara nnifisha, isib li aktarx ikun hemm aktar minn wieħed fis-sena. Band'oħra f'dal-ktieb qed infakkru żewġ anniversarji marbutin mal-ġenesi u mat-temma tal-istess knisja. Iżda din is-sena jaħbat ukoll l-450 anniversarju mit-twelid ta' dak li kellu jkun l-akbar benefattur tal-istess knisja u ta' Birkirkara: **Dun Filippu Borg**.

L-aktar riċerka reċenti rigward is-sena tat-twelid ta' Dun Filippu tinsab fis-sensiela monumentali tal-istorja tal-Knisja f'Malta, jiġifieri, *Melita Sacra – The Maltese Diocese during the Sixteenth Century,* fit-tieni volum tal-Prof. Mons. Vinċenz Borg,[1] fejn hu jagħti s-sena 1566 bħala s-sena ta' twelid Dun Filippu. E.B. Vella fil-ktieb *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata Tagħha* kien ta din id-data bħala 1567, sena wara, iżda ma kienx qal kif wasal għaliha.[2]

## Reġistrazzjoni tal-Magħmudija

Monsinjur Borg jgħid ukoll li l-magħmudija tat-tarbija Filippu Borg mhix reġistrata f'Birkirkara u jattribwixxi dan għan-negliġenza tal-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Ġużepp Bellia. Dan jew kien ikun imsiefer, ankè fuq qadi tal-Isqof. Inkella meta kien ikun Malta, ma kienx jersaq lejn il-Parroċċa jekk mhux is-Sibt u l-Ħadd. Il-bqija kien jibqa' pajjiżu l-Birgu.[3]

Imma jrid jingħad ukoll, u mhux biex ikun skużat Bellia, li s-sena 1566, u ankè jekk kienet is-sena 1567, kienet sew wara l-Assedju l-Kbir, bit-taqlib u t-tħarbit li dan kien ġab miegħu. In-nies kienu għadhom ma reġgħux stabbilew ruħhom fl-irħula minn mnejn kienu ħarbu, speċjalment raħal bħal Birkirkara, li għal darb'oħra kien reġa' ġie devastat wara r-razzia ta' Torgħut Rais u Sinan fl-1551. Hekk sa fis-sena 1573, il-Konnestabili (rappreżentanti) ta' Birkirkara kienu rrapurtaw lill-*Universitas* (gvern) tal-Imdina li n-nies hawn kienu *poverissimi* u li anqas kellhom bibien għal djarhom,[4] kif anqas ma kellhom bibien il-biċċa l-kbira tal-knejjes.[5]

Jerġa', biex tkompli tiggrava s-sitwazzjoni, f'dik is-sena 1566, minħabba xniegħa ta' ħbit ieħor mit-Torok, il-Granmastru De Valette kien reġa' ġiegħel lill-Karkariżi joħorġu minn djarhom, kif kienu għamlu għal raġuni oħra fl-1560, biex minflokhom did-darba joqogħdu truppi Ġermaniżi, fost oħrajn li kien bagħat iġib għall-għajnuna.[6] Dan qed jingħad

[1] Pubblikazzjoni tal-awtur, 2009, 200.

[2] Stampat fis-sena 1934, p. 405.

[3] Viżta Pastorali Dusina (1575). Eżami tal-imsemmi Bellia, f. 270-272.

[4] SAL u Xuereb Philip, *Birkirkara, Storja, Kolleġġjata u Knejjes Filjali,* PEG Ltd. Malta, 2005, 97.

[5] Ara l-Viżta Pastorali ta' Dusina.

[6] Vella E. B., *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata Tagħha*, Empire Press, 1934, 58-61, 71.

għax jista' jagħti l-każ li omm u missier Dun Filippu ma kinux Birkirkara meta dan twieled u jista' tkun li l-magħmudija tiegħu, kienet irreġistrata band'oħra.

## Il-Familja

Missier Dun Filippu kien jismu Bartolomeo (Bertu) u ommu Margerita, imwielda Balzan. Jekk is-sors[7] hu korrett u attendibbli, huma kienu żżewġu fil-Parroċċa ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi fit-28 ta' Ottubru tal-1564, xi seba' xhur qabel l-Assedju l-Kbir, li l-imminenza tiegħu kien tinħass żmien sew qabel ma beda. U dan iż-żwieġ hu fil-fatt irreġistrat fl-ewwel reġistru tal-Parroċċa ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi.[8]



Is-sit elettroniku msemmi jagħti wkoll it-tieni isem ta' Bartolomeo, li hu Augustinus (Wistin). Mir-reġistru ta' Ħal Qormi nieħdu li missier mart Bertu kien jismu Lorenzo u mart dan kien jisimha Maddalena. Din kienet in-*nonna materna* li fir-***Relazione*** attribwita lilu, Dun Filippu jsemmi li kienet tgħaddilu ħjiel tal-istorja ta' Malta u għajdut ieħor relatat.[9]

Jidher li minbarra Filippo, li allura miċ-ċirkustanzi ta' twelidu jidher li kien l-iben il-kbir, miż-żwieġ ta' Bartolomeo u Margerita kien hemm ukoll ulied oħrajn. Jissemma Paolo, li wara kien inħatar Teżorier tal-*Universitas* tal-Imdina. Dan kien iżewweġ lil Camilla Abela, oħt Ġanfranġisk Abela. Abela kien bniedem erudit ħafna, Viċi Kanċillier tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann li dik il-ħabta kienu jaħkmu fuq Malta u kittieb tal-ewwel storja ta' dawn il-gżejjer bl-isem ta' *Della Descrittione di Malta* (1647).[10] Sorsi oħra jsemmu lil Giulio[11] li l-magħmudija tiegħu tinsab irreġistrata Birkirkara fid-9, aktarx ta' Jannar, tas-sena 1586. Michele li tgħammed fis-7(?) ta' Diċembru 1587 u Pietro li tgħammed fid-9 ta' Lulju 1589.[12]

## Minn Ħal Balzan u tat-tajjeb

Il-familja ta' Dun Filippu ma kinitx stabbilita eżattament fir-raħal ta' Birkirkara imma f'Ħal Balzan, li dak iż-żmien u sa kwazi mitt sena oħra wara, kien għadu jagħmel parti mill-Parroċċa u l-limiti ta' Birkirkara. Dan jikkonstatah l-istess Dun Filippu li fl-1610 jgħid: *Io come originario del Casal Balzan della parrochia di Belcarcara...* Jerġa' disa' snin qabel, hu u l-familja tiegħu kienu ħallew flus biex tkun tista' ssir il-festa tal-Lunzjata fil-knisja ddedikata lilha f'dak ir-raħal.

---

[7] Sit elettroniku: *Malta Geneology – Il-Libro d'Oro di Melita.*

[8] Arkivju Parrokkjali – Parr. S. Ġorġ Ħal Qormi, Reġistru 1. Iż-żwieġ ta' Bertu Borg u Margerita Balzan hu kkorroborat ukoll minn Giovanni Bonello f'*A Search for Luigi Borg de Balzan's Enigmas – STOM, 27 Nov. 2011.*

[9] Wettinger G., *Early Maltese Popular Attitudes towards the Order of St John* f'*Melita Historica* (1974), 255-278. Għalkemm fil-pubblikazzjoni: *Min kien Callus?* (2003) l-istess awtur isemmi lil missier ommu.

[10] Borg V. Mons. Prof., op.cit., 201.

[11] Bonello V., *A Search for Luigi Borg de Balzan's Enigmas*, S.T.O.M., 27 Nov. 2011.

[12] Arkivju Parrokkjali, Parr. S. Elena Birkirkara – Liber Baptizmatorum 1.

Jidher li l-familja ta' Dun Filippu Borg kienet waħda tat-tajjeb mhux ħażin. Kemm min-naħa ta' missieru kif ukoll min-naħa t'ommu. Jerġa' meta mietet ommu Margerita, fis-sena 1594, l-istess sena li fiha Dun Filippu kien inħatar Kappillan ta' Birkirkara, missieru Bartolomeo kien reġa' żżewweġ lil ċerta Agata, armla ta' Girolamo Calleja. Din ukoll kienet tat-tajjeb u eventwalment ħalliet lil Dun Filippu eredi universali tagħha. Dawn huma fatti li jagħtuna ħjiel kif Dun Filippu Borg seta' jidħol għal ċerti proġetti qawwija bħalma kienu l-bini tal-Knisja l-Qadima u t-twaqqif tal-Kolleġġjata Elenjana.







